**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**Laqgħa Numru 05/12(07_05_12).**

Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Mejju 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-27 t' April 2012.

1. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
2. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
3. Materji oħra.

**1.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill dwar Memo 7/2010 – Skema dwar Aċċessibilta' Aħjar fil-Lokalitajiet. Il-Kunsill ser jingħata s-somma ta' €10,000 u l-proġett irid jitlesta sa l-aħħar ta' Novembru 2012. Il-Kunsill beda jiddiskuti kif b' dawn l-€10,000 jista' l-Uffiċċju tal-Kunsill isir aċċessibbli minn persuni b' diżabilita'. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Perit dwar din il-materja.

1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li fil-leġislatura ta' qabel kien ġie deċiż li jiġi kkunsidrat li tinxtara l-binja l-ġdida ta' quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali li bħalissa għadha ġebel u saqaf. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill jikkonferma jekk għadux hemm interess minn din il-leġislatura l-ġdida. Ġie deċiż li għalissa, l-Kunsill ma jmexxix fuq din il-materja.

1.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wara li l-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ħareġ sejħa sabiex mill-*Kiosk* tal-*Parking* tax-Xlendi jingħataw servizzi finanzjarji, l-HSBC Bank Malta plc wera li huwa interessat li jiftaħ ATM. Dan qed joffri s-somma ta' €2,350 fis-sena u din tinkludi l-kera ta' €350 li trid titħallas lid-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern.
Is-Sur Robert Mallia staqsa għalfejn is-sejħa ħarġet għal servizzi finanzjarji biss.

1.04 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li s-Sur Patrick Grima, ex-Kunsillier huwa wkoll membru fix-Xlendi Tower Management Committee li qed jirrappreżenta lill-Kunsill. Il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk huwiex ser jibqa' s-Sur Grima jew jinħatar xi Kunsillier ieħor. Ġie deċiż li peress li l-membri tal-*Management Committee* ikunu qed jirrappreżentaw lill-Kunsill, il-membri għandhom ikunu membri tal-Kunsill jew Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.
Is-Sur Robert Mallia wera x-xewqa li jkun membru f' dan il-*Management Committee*. Kien hemm qbil unanimi.

**2.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

2.01 Is-Sur Ryan Debrincat ssuġġerixxa li fit-triq tal-Wied tax-Xlendi issir tabella "NO ENTRY" u l-kanna għandha tittaqqab.

2.02 Il-passaġġ ta' Triq Bardan jinsab fi stat ħażin ħafna u s-Sur Ryan Debrincat qed jissuġġerixxi li dan jitranġa bil-*cold asphalt* u l-ħitan tal-ġnub jinbnew sew għax peress li dan il-passaġġ huwa fuq barriera huwa perikoluż. Il-Kunsill ser jitlob lis-CMU biex jirranġa l-wiċċ u l-ħitan jinbnew mill-ħaddiema ta' l-ETC u ta' l-IPSL.

2.03 Is-Sur Ryan Debrincat staqsa dwar f' hiex waslu l-preparamenti sabiex Triq ir-Rumani u Triq ta' Rinota/Andrijiet jinksew bit-tarmak bl-iskema ta' PPP. Is-Sindku informah li ser issir laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex sabiex huma jiffinanzjaw il-50% ta' l-ispejjeż.

2.04 Is-Sur Ryan Debrincat irrakkomanda li l-madum li ser jintuża għaz-Zuntier tal-Knisja u li qed ikun storjat fil-Pjazza għandu jitneħħa għax ġejja l-Festa. Diġa' ġie deċiż li dan jitpoġġa fil-bitħa tad-Dar Parrokkjali.

2.05 Is-Sur Ryan Debrincat talab sabiex ħajt li qed fi Triq Wied il-Għarab jinbena. Huwa ser imur jara fejn huwa dan il-ħajt.

2.06 Is-Sur Ryan Debrincat issuġġerixxa li jsiru bnadar ma' arbli fid-daħla tal-Munxar għall-jiem tal-Festa kif ukoll sabiex il-Kunsill joħroġ il-permess ta' *Bar* fil-Pjazza.

2.07 Is-Sur Robert Mallia staqsa dwar dik il-kamra li hemm taħt il-ġnien tal-Wied tax-Xlendi. Din il-kamra tranġat mill-ELC u qed tintuża minnhom.

2.08 Is-Sinjura Carmen Said talbet lill-Kunsill li issa li r-*road humps* tneħħew għandhom jiġi ppaċċjati. Il-Kunsill kien ser ikellem lir-Road Construction Ltd. peress li ma' din il-Kumpanija hemm il-Kuntratt ta' kisi ta' toroq bit-tarmak.

2.09 Is-Sinjura Carmen Said ilmentat għall-fatt li Transport Malta ma tatx il-permess sabiex terġa' ssir *road hump* fi Triq Ras il-Bajjada. Peress li fl-istess post diġa' kien hemm *road hump* bil-permess tat-TM, il-Kunsill għandu jerġa' jikteb sabiex din it-talba terġa' tiġi kkunsidrata.

2.10 Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li residenti ta' Triq Dun Spir Gauci qed jilmentaw li l-*buses* ta' l-Arriva qed jgħaddu minn din it-triq bi *speed* eċċessiv. Il-Kunsill kien ser ikellem lill-Arriva.

2.11 Is-Sinjura Carmen Said issuġġerit li għandhom isiru *Bus Stops* għar-Rotta ta' l-Arriva li tgħaddi mill-Munxar għax-Xlendi. Hija ssuġġerit li ssir *Bus Stop* fid-daħla tal-Munxar, viċin il-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957, fil-Pjazzetta ta' Triq San Pawl u fi Triq il-Qsajjem.

2.12 Is-Sinjura Carmen Said issuġġerit li jitwaħħal Avviż dwar żibel fi Triq iż-Żirżieb fejn hemm *plot* vojta.

2.13 Is-Sinjura Carmen Said issuġġerit li l-pilastru li kien jintuża għat-*telephone* tal-Pulizija fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, jinqala' u jitwaħħal bank minfloku.

2.14 Is-Sinjura Carmen Said irċeviet talba sabiex parti minn Triq ir-Rabat tingħalaq għat-traffiku u ssir bl-istess kundizzjonijiet bħal parti l-oħra, jiġifieri 'No Entry Except for Residents and Boat Owners/Buses from 19:00 to 23:30 July to September'.

2.15 Is-Sinjura Carmen Said staqsiet jekk il-membri tal-Kumitat Amministrattiv humiex marbuta bir-regoli dwar l-attendenza bħalma huma l-membri tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv kien ser jiċċekkja dwar dan.

2.16 Is-Sur Saviour Spiteri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq il-Qsajjem hemm bir f' għalqa li huwa perikoluż. Huwa talab lill-Kunsill sabiex jibni ħajt quddiem dan il-bir. Il-Kunsill kien diġa' poġġa żewġ *pallets* fuq il-bokka tal-bir iżda dawn il-*pallets* insterqu. Il-Kunsill kien ser jitlob lis-CMU sabiex jibni l-ħajt.

2.17 Is-Sur Saviour Spiteri talab lill-Kunsill sabiex jinvestiga x' inhi r-raġuni li d-dwal ta' ma' l-istatwa ta' Sant' Indrija tneħħew. Is-Sindku kien ser jiċċekkja ma' l-Inġinier Muscat.

2.18 Is-Sur Saviour Spiteri ġibed l-attenzjoni li r-residenti ta' Sqaq Dun Mikiel Anġ. Spiteri qed jilmentaw li l-ġbir ta' skart domestiku m'huwiex jinġabar minn quddiem il-bieb iżda l-Kuntrattur qed iġagħlhom joħorġuh barra t-triq. Il-Kunsill kien ser ikellem lill-Kuntrattur.

**3.00 Materji oħra.**

3.01 Is-Sindku ssuġġerixxa li issa li l-passaġġ tal-Ponta tranġa bil-ħajt tas-sejjieħ, jixraq li jitranġa l-ħajt tal-barriera inti u dieħel għall-passaġġ tal-Ponta.

3.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien irċieva talbiet sabiex jitranġaw xi bankini. Bankina ta' quddiem il-*garage* ta' Mercieca fi Triq l-Andrijiet u bankina oħra quddiem id-dar ta' Galea fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, Il-Munxar peress li din qed tiżloq. Triq terġa' tiġi bħal qabel bil-għatba.

3.03 Is-Sindku kellu talba mingħand Sid il-post "San Luigi" Triq il-Madonna tal-Karmnu sabiex fil-jiem tal-Festa ma jarmawx *kiosks* jew ipoġġu *generator* quddiem il-post tiegħu. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 26 ta' Ġunju 2012, fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |